# Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi
# Premises and Legacy Review Committee

# Linji Gwida għal dawk li se jressqu t-talbiet/ilmenti tagħhom – 15 ta' Ġunju 2018

***Introduzzjoni***

**Talbiet imressqa quddiem il-*Premises and Legacy Review Committee (PLRC)***

Il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi (CCF), flimkien maż-żewġ organizazzjonijiet - Koperattivi Malta (KM) u Malta Co-operative Federation (MCF) - irrikonoxxew u aċċettaw il-fatt, li s-sitwazzjoni preżenti li qed jgħaddu minnha l-koperattivi f'pajjiżna mhijiex waħda ideali u lanqas sostenibbli. Għaldaqstant intlaħaq qbil bejniethom li hemm ħtieġa li tinstab soluzzjoni biex is-sitwazzjoni preżenti titjieb.

Il-kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperattivi, b'sodisfazzjon innota li dan l-aħħar kien hemm progress. Dan jagħti sens ta' kuraġġ li dawn iż-żewġ organizazzjonijiet daqstant importanti jistgħu jibdew jaqblu li jikkoperaw aktar flimkien bħala riżultat ta' aktar diskussjoni u ftehim aħjar bejn id-delegati taż-żewġ organizazzjonijiet. Minkejja dan, il-kumitat tal-Fond hu konxju mill-fatt li għad hemm xi kwistjonijiet pendenti fejn hemm allegazzjonijiet ta' inġustizzji f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament mill-Fond lill-istess organizazzjonijiet.

Ix-xewqa ewlenija tal-Fond hi dik li jkun proattiv u jaħdem aktar biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni preżenti u kull kwistjoni oħra li b'xi mod għadha titqies bħala inġustizzja reali jew perċepita. Dan l-aktar b'rabta ma' dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-organizazzjonijiet fis-snin imgħoddija. Għaldaqstant, mingħajr l-ebda preġudizzju, il-Fond iddeċieda li jistieden liż-żewġ organizazzjonijiet u soċjetajiet oħra sabiex iressqu t-talbiet/ilmenti tagħhom. Mat-talbiet/ilmenti għandha tiġi ppreżentata kull evidenza.

It-talbiet/ilmenti jistgħu jitressqu taħt waħda miż-żewġ kategoriji hawn taħt imsemmija:

a) nuqqas ta' finanzjament mill-Fond Ċentrali tal-Koperattivi wara li kienet saret xi talba fil-perjodu bejn is-sena 2011 u llum; u
b) nuqqas ta' appoġġ mill-Fond Ċentrali tal-Koperattivi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' propjeta' u assi fissi oħra.

Il-kumitat tal-Fond, sabiex ikun jista' jwieġeb għall-ilmenti mressqa bl-aktar mod ġust u trasparenti, ħatar kumitat indipendenti, il-Premises and Legacy Review Committee (PLRC), biex jixtarr it-talbiet/ilmenti kollha li jsiru.

Għaldaqstant, il-PLRC intalab li jissottometti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lic-chairman tal-Fond sal-aħħar tax-xahar ta' Ottubru 2018. Il-kumitat tal-Fond, bi ħsiebu jaċċetta dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jingħataw mill-PLRC, ġaladarba jkun hemm qbil bejn il-membri kollha tal-kumitat indipendenti.

Sabiex wieħed jagħmel it-talba tiegħu, qed jiġu elenkati numru ta' punti li għandhom iservu ta' linji gwida biex jgħinu lill-organizazzjonijiet/soċjetajiet li jixtiequ jissottomettu t-talba/iet jew ilment/i tagħhom quddiem il-PLRC. Huwa importanti li wieħed jimxi magħhom.

Ngħarrfek li dawk li jressqu l-ilment tagħhom se jkollhom l-opportunita' li jiltaqgħu mal-membri tal-PLRC sabiex jispjegaw l-ilment/i u jkunu jistgħu jwieġbu ukoll xi mistoqsijiet. Dan il-proċess se jsir fil-ġimgħa tal-10 ta' Settembru 2018.

## *Liema huma l-ilmenti li jistgħu jiġu ikkunsidrati?*

Il-PLRC se jikkunsidra żewġ kategoriji ta' ilmenti:

a) Ilmenti miż-żewġ organizazzjonijiet u soċjetaijiet eliġibbli dwar nuqqas ta' finanzjament mill-Fond li seħħ bejn il-perjodu ta' bejn Jannar 2011 u Ġunju 2018. Dawn it-talbiet għandhom jinqasmu kif ġej: mill-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Settembru 2011,
mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012,
mill-1 ta' Ottubru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013,
mill-1 ta' Ottubru 2013 sat-30 ta' Settembru 2014,
mill-1 ta' Ottubru 2014 sat-30 ta' Settembru 2015,
mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016,
mill-1 ta' Ottubru 2016 sal-31 ta' Diċembru 2017, u
mill-1 ta'Jannar 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018.

b) Ilmenti dwar proprjeta' jew ta' assi fissi oħra li min iressaq l-ilment jaħseb li kellhom jiġu iffinanzjati mill-Fond.

## *Ilmenti mressqa jridu jkunu sostanzjati*

Il-PLRC jistenna li kull ilment għandu jkun sensibbli u għandha tinġieb kull prova possibbli biex isservi ta' evidenza. Kull ilment li ma jirrispettax dawn il-kriterji hawn fuq imsemmija mhux se jiġi ikkunsidrat. (Bħala eżempju, xewqat fiergħa u esaġerati).

## *Il-format tal-ilmenti:*

i. Idealment, kull ilment għandu jinkiteb bl-Ingliż.

ii. L-ilmenti kollha għandhom jaslu sas-**Sibt 14 ta' Lulju 2018**.

iii. Il-PLRC mhux qed jistenna xi format partikolari (ħlief għal xi dettalji bażiċi). Madanakollu jistenna dikjarazzjonijiet ta':

1) ir-raġuni għaliex min iressaq l-ilment jemmen li l-ilment tiegħu hu validu u ġust;
2) l-ammont mitlub u d-dettalji kollha tal-ilment;
3) la darba l-ilment jiġi aċċettat, kif se jintuża l-ammont li se jingħata;
4) liema huma l-organizazzjonijiet u/jew individwi li se jitħallsu, la darba l-ilment jiġi milqugħ.

II. Il-PLRC jistenna li jirċievi ilmenti/talbiet ċari u fil-qosor. Kull ilment m'għandux ikun itwal minn 3 faċċati ta' karta A4. Madanakollu jistgħu jiġu annessi dokumenti oħra bħal irċevuti, fatturi (invoices), kopji ta' ilmenti li ma ġewx iffinanzjati u kopji ta' minuti, fost oħrajn.

III. Kull fejn hu possibbli, l-ilmenti kollha għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku f'format PDF. Dawn għandhom jintbagħtu fuq dan l-indirizz elettroniku: **claimstoplrc@gmail.com**

IV. Jekk l-ilment hu dwar nuqqas ta' iffinanzjar min-naħa tal-Fond, minkejja li kienet saritlu t-talba biex jagħmel dan, għandha tintbgħat nota qasira li tispjega x'ġara u x'kienet ir-raġuni li ngħatat biex il-finanzjament ma nħariġx.

V. Kull ilment għandu jiġi ffirmat minn żewġ persuni li ħa jirrappreżentaw legalment lill-organizazzjoni.